



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0365(COD)

9644/1/20
REV 1 ADD 1

EF 142
ECOFIN 597
CODEC 631
PARLNAT 122

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020

I. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, u (UE) 2015/2365 ("ir-Regolament"). L-għan ewlieni tal-proposta huwa li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali (CCPs), biex b'hekk jiġi żgurat li kemm is-CCPs kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali fl-UE jkollhom il-mezzi biex jaġixxu b'mod deċiżiv f'każ li CCP tiffaċċa diffikultà serja jew falliment.

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Risoluzzjoni tas-CCPs fis-27 ta' Marzu 2019.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Servizzi Finanzjarji eżamina r-Regolament dwar propost f'għadd ta' laqgħat taħt diversi Presidenzi.

Fl-4 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-Kunsill qabel dwar mandat għan-negozjati tal-Kunsill mal-Parlament Ewropew.

Fit-23 ta' Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Presidenza tal-Kunsill laħqu kompromess finali, li ppermetta l-konklużjoni tan-negozjati.

Fit-2 ta' Settembru 2020, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew approva l-eżitu tan-negozjati tat-trilogu. Il-President tal-Kumitat ECON indirizza ittra lill-Presidenza tal-Kunsill fl-istess jum fejn indika li, jekk il-Kunsill jadotta t-test maqbul (soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti) bħala l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, hi tirrakkomanda lis-sessjoni plenarja tal-Parlament sabiex il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

Fit-12 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar it-test maqbul qabel il-verifika legali-lingwistika tiegħu.

B'kont meħud tal-qbil imsemmi hawn fuq u wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' Novembru 2020, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

II. OBJETTIV

Is-swieq finanzjarji huma kruċjali għall-funzjonament tal-ekonomiji moderni. Sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji, huwa importanti li jkun hemm proċeduri fis-seħħ li jiżguraw li jekk istituzzjoni finanzjarja jew infrastruttura tas-suq finanzjarju li hija attiva f'dan is-suq tiffaċċa diffikultà finanzjarja jew tkun fil-punt ta' falliment, it-tali event ma jiddestabilizzax is-suq finanzjarju kollu u ma jikkawżax ħsara lit-tkabbir fl-ekonomija usa'. Is-CCPs huma komponenti ewlenin tas-swieq finanzjarji globali, li jintervjenu bejn il-parteċipanti sabiex jaġixxu bħala l-akkwirent għal kull bejjiegħ u bħala l-bejjiegħ għal kull akkwirent, u li jkollhom rwol ċentrali fl-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u fil-ġestjoni tal-iskoperturi għar-riskji differenti li huma inerenti f'dawk it-tranżazzjonijiet.

L-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni Ewropea wasslet sabiex is-CCPs evolwew minn pożizzjoni fejn primarjament jaqdu l-ħtiġijiet u s-swieq domestiċi għal waħda li jikkostitwixxu n-nodi kritiċi fis-swieq finanzjarji tal-Unjoni b'mod aktar wiesa'. Peress li ammont sinifikanti tar-riskju finanzjarju tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea jiġi pproċessat minn u kkonċentrat fis-CCPs f'isem il-membri tal-ikklijerjar u l-klijenti tagħhom, ir-regolamentazzjoni effettiva u s-superviżjoni robusta tas-CCPs huma essenzjali, kemm għas-servizzi domestiċi u transfruntieri.

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, diġà jirrikjedi li s-CCPs josservaw standards prudenzjali, organizzattivi u ta' kondotta kummerċjali għolja. L-awtoritajiet kompetenti huma inkarigati mis-sorveljanza sħiħa tal-attivitajiet tas-CCPs. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ikkontribwixxa biex tiżdied ir-reżiljenza tas-CCPs u tas-swieq finanzjarji usa' kontra firxa wiesgħa ta' riskji pproċessati u kkonċentrati fis-CCPs.

Madankollu, l-ebda sistema ta' regoli u prattiki ma tista' tipprevjeni li r-riżorsi eżistenti jkunu inadegwati fil-ġestjoni tar-riskji mġarrba mis-CCP, inkluż f'każ ta' inadempjenza waħda jew aktar mill-membri tal-ikklijar, jew taħlita ta' inadempjenza/i ta' membru tal-ikklijar u telf finanzjarju ieħor. Meta jkunu ffaċċjati b'xenarju ta' diffikultà severa jew falliment imminenti, l-istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż CCPs, għandhom, fil-prinċipju, jibqgħu soġġetti għal proċedimenti normali ta' insolvenza. Madankollu, minħabba li l-proċeduri normali ta' insolvenza korporattiva mhumiex adatti biex jiżguraw il-ħeffa suffiċjenti tal-intervent jew biex jipprioritizzaw b'mod adegwat il-kontinwazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi tas-CCP għall-fini tal-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li jinħoloq qafas ta' riżoluzzjoni speċjali għas-CCPs.

L-objettiv ta' dan il-qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni huwa li jiżgura, li s-CCPs jistabilixxu miżuri għall-irkupru minn diffikultà finanzjarja, għaż-żamma tal-funzjonijiet kruċjali ta' CCP li qed tfalli jew li x'aktarx tfalli waqt l-istralċ tal-bqija tal-attivitajiet permezz ta' proċedimenti normali ta' insolvenza, u għall-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja filwaqt li jiġi evitat effett negattiv sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja u l-kapaċità tagħha li sservi l-ekonomija reali u li tiġi minimizzata l-ispiża ta' falliment ta' CCP fuq il-kontribwenti. Il-qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni ser ikompli jsaħħa l-istat ta' tħejjija tas-CCPs u tal-awtoritajiet nazzjonali biex itaffu l-istress finanzjarju u ser jipprovdu lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) b'aktar għarfien dwar it-tħejjijiet tas-CCPs f'xenarji ta' stress. Huwa ser jipprovdi wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali b'setgħat sabiex iħejju għar-riżoluzzjoni potenzjali ta' CCP u biex jittrattaw is-saħħa li tkun qed tbatti ta' CCP b'mod ikkoordinat, sabiex b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

(a) Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabilixxi r-regoli u l-proċeduri relatati mal-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali awtorizzati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012, u r-regoli relatati mal-arranġamenti ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs.

(b) L-awtoritajiet, il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni u l-proċeduri

Kull Stat Membru ser jaħtar awtorità ta' riżoluzzjoni waħda jew aktar li ser ikollhom is-setgħa li jużaw l-għodod tar-riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni kif stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri ser jaħtru bħala awtoritajiet ta' riżoluzzjoni lil banek ċentrali nazzjonali, ministeri kompetenti, awtoritajiet amministrattivi pubbliċi jew awtoritajiet oħrajn fdati b'setgħat amministrattivi pubbliċi. L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni irid ikollhom il-kompetenzi, ir-riżorsi u l-kapaċità operazzjonali biex japplikaw miżuri ta' riżoluzzjoni u biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom bil-ħeffa u l-flessibbiltà meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tar-riżoluzzjoni. Iridu jiġu stabbiliti arranġamenti strutturali xierqa biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess bejn il-funzjonijiet fdati lill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont ir-Regolament u l-funzjonijiet l-oħrajn kollha fdati lil dik l-awtorità. B'mod partikolari, għandha tiġi żgurata awtonomija operazzjonali effettiva bejn il-funzjonijiet superviżorji u dawk ta' riżoluzzjoni. Dawn ir-rekwiżiti ma jipprekludux il-konverġenza tal-linji ta' rapportar fl-ogħla livell ta' organizzazzjoni li tinkludi funzjonijiet jew awtoritajiet differenti, jew il-kondiviżjoni ta' persunal b'għarfien espert rilevanti taħt kondizzjonijiet predefiniti. Kull Stat Membru ser jinnomina wkoll ministeru wieħed li jkun responsabbli għall-eżerċitar tal-funzjonijiet fdati lill-ministeru kompetenti skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-ministeru kompetenti tal-Istat Membru jkollu l-aħħar kelma fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li jkollhom impatt fiskali dirett jew implikazzjonijiet sistemiċi li x'aktarx iwasslu għal impatt fiskali dirett, l-awtorità ta' riżoluzzjoni hija obbligata tikseb l-approvazzjoni tal-ministeru kompetenti, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġi nazzjonali.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP ser tistabbilixxi, tiġġestixxi u tippresiedi kulleġġ ta' riżoluzzjoni għat-twertiq tal-kompiti previsti fir-Regolament, u tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-awtoritajiet li jkunu membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u, fejn xieraq, kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri li l-istabbiltà finanzjarja tagħhom tista' tiġi affettwata mill-falliment tas-CCP, inkluż l-awtoritajiet kompetenti tal-klijenti tal-membri tal-ikklijer tas-CCP, ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni abbażi tal-valutazzjoni tagħhom tal-impatt li r-riżoluzzjoni tas-CCP jista' jkollha fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru rispettiv tagħhom.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni abbażi ta' tali valutazzjoni għandhom ikunu membri mingħajr vot u għandhom ikunu intitolati wkoll li jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-aġenda tal-laqgħat tal-kulleġġ, b'mod partikolari billi jżidu punti mal-aġenda tal-laqgħa. Sabiex tiżgura l-funzjonament koerenti u konsistenti tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni madwar l-Unjoni, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ser tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kontenut tal-arranġamenti u tal-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

L-ESMA ser toħloq Kumitat ta' Riżoluzzjoni tal-ESMA għall-fini tat-tħejjija tad-deċiżjonijiet fdati lill-ESMA skont ir-Regolament, magħmul minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura, bl-awtoritajiet imsemmija fil-punti (i) u (v) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jipparteċipaw bħala osservaturi. L-ESMA għandha tiżgura separazzjoni strutturali bejn il-Kumitat tar-Riżoluzzjoni tal-ESMA u l-funzjonijiet l-oħra tiegħu. Għall-fini tar-Regolament, l-ESMA jenħtieġ tikkoopera mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

Huwa kruċjali li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA jenħtieġ jikkooperaw bejniethom u jipprovdu lil xulxin fil-ħin l-informazzjoni kollha rilevanti għat-twertiq tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament.

It-teħid ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-ESMA għandhom iqisu diversi prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament, inkluż il-ħtieġa li jiġi evitat kemm jista' jkun possibbli l-użu ta' għajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja u anke jekk ikun il-każ bħala l-aħħar alternattiva biss, il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-interessi ta' partijiet ikkonċernati differenti tas-CCP u l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza lejn u l-involviment tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn id-deċiżjoni jew l-azzjoni proposta jista' jkollha implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja jew ir-riżorsi fiskali.

(c) Ippjanar tal-irkupru u r-risoluzzjoni

Is-CCPs ser ikunu obbligati jfasslu u jżommu pjani ta' rkupru li jipprevedi l-miżuri li għandhom jittieħdu kemm f'każ ta' eventi ta' inadempjenza kif ukoll f'każ ta' eventi mhux ta' inadempjenza, u taħlit tat-tnejn, sabiex jirrestawraw is-solidità finanzjarja tagħhom u biex ikunu jistgħu jkomplu jipprovdu funzjonijiet kritiċi wara deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom jew riskju ta' ksar tar-rekwiżiti ta' kapital u prudenzjali tagħhom skont ir-Regolament (UE) 648/2012. Dan għandu jinkludi qafas ta' indikaturi, ibbażati fuq il-profil tar-riskju tas-CCP, li jidentifikaw iċ-ċirkostanzi li fil-kuntest tagħhom għandhom jittieħdu l-miżuri fil-pjan ta' rkupru, kif ukoll arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ regolari tal-indikaturi. Ir-Regolament jistabbilixxi kemm il-kontenut minimu tal-pjanijiet ta' rkupru tas-CCP kif ukoll ir-rekwiżiti li t-tali pjanijiet ta' rkupru għandhom jikkonformaw magħhom, inkluż ir-rekwiżit li l-pjanijiet ta' rkupru ma jassumu l-ebda aċċess għal għajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja u lanqas jirċevuha. Sabiex jiġu żgurati inċentivi xierqa għall-immaniġġjar prudenti tar-riskju, CCP trid tuża ammont addizzjonali tar-riżorsi proprji ddedikati prefinanzjati tagħha wara event ta' inadempjenza jew mhux inadempjenti. Dak l-ammont ma għandux ikun inqas minn 10 %, jew oġġla minn 25 % tar-rekwiżiti ta' kapital ibbażati fuq ir-riskju kkalkulati skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Sabiex tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit, CCP tista' tuża l-ammont tal-kapital li jkollha, flimkien mar-rekwiżiti kapitali minimi tagħha, biex tikkonforma mal-livell limitu ta' notifika msemmi fl-att delegat adottat abbażi tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-ESMA ser tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u wara li tikkonsulta mas-SEBĊ, abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu u ż-żamma tal-ammont addizzjonali ta' riżorsi proprji prefinanzjati li għandhom jintużaw.

Is-CCPs ser ikunu obbligati jippreżentaw il-pjanijiet tal-irkupru lill-awtorità kompetenti, li min-naħa tagħha ser tittrażmetti kull pjan lill-kulleġġ superviżorju previst fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u lill-awtorità ta' risoluzzjoni mingħajr dewmien. L-awtorità ta' risoluzzjoni ser teżamina l-pjan ta' rkupru sabiex tidentifika kwalunkwe miżura li tista' tħalli impatt negattiv fuq ir-riżolvibbiltà tas-CCP. Meta jiġu identifikati miżuri bħal dawn, l-awtorità ta' risoluzzjoni għandha għgħibhom għall-attenzjoni tal-awtorità kompetenti u tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti dwar modi kif jiġu indirizzati. L-awtorità kompetenti ser tirrevedi l-pjan ta' rkupru u tivvaluta sa liema punt dan jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament fi proċedura ta' koordinazzjoni mal-kulleġġ superviżorju u bil-ħsieb li tintlaħaq deċiżjoni konġunta.

Jekk maġġoranza sempliċi tal-membri votanti ma jaqblux mal-proposta tal-awtorità kompetenti għal deċiżjoni konġunta, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-ESMA fir-rigward ta' materji speċifiċi. L-ESMA tista' wkoll, fuq talba tal-awtorità kompetenti fi ħdan il-kulleġġ superviżorju, tgħin lill-kulleġġ superviżorju jasal għal deċiżjoni konġunta.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u f'koordinazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, ser tfassal pjan ta' riżoluzzjoni għas-CCP. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ser jipprevedi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li tista' tiegħu f'każijiet fejn is-CCP tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ser jispeċifika wkoll iċ-ċirkostanzi u x-xenarji differenti għall-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-eżerċitar tas-setgħat ta' riżoluzzjoni. Huwa ser jiddistingwi b'mod ċar, partikolarment permezz ta' xenarji differenti, bejn falliment ikkawżat minn eventi ta' inadempjenza, eventi mhux ta' inadempjenza, u taħlita tat-tnejn, kif ukoll bejn tipi differenti ta' eventi mhux ta' inadempjenza. Il-pjan ta' riżoluzzjoni la għandu jassumi appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju, u lanqas assistenza ta' likwidità f'emerġenza minn bank ċentrali, inkluż assistenza ta' likwidità minn bank ċentrali pprovduta skont termini ta' kollateralizzazzjoni, maturità jew rata ta' interessi mhux standard. Ir-Regolament jistabbilixxi l-kontenut minimu tal-pjan ta' riżoluzzjoni, u jipprovdi mandat għall-ESMA biex tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar il-kontenut tal-pjan ta' riżoluzzjoni.

Is-CCPs ser jikkooperaw fit-tfassil tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u jipprovdu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tagħhom, direttament jew permezz tal-awtorità kompetenti tagħhom, bl-informazzjoni neċessarja kollha għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet. CCP għandha taqşam l-informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tagħha fil-ħin sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-profilu tar-riskju tas-CCP u l-interkonnnettività ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju, ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u mas-sistema finanzjarja b'mod ġenerali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu informazzjoni lill-kulleġġ tas-superviżuri, meta jqisu li din l-informazzjoni tkun sinifikanti.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tippreżenta lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni abbozz ta' pjan ta' riżoluzzjoni u l-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandu jilħaq deċiżjoni konġunta rigward il-pjan ta' riżoluzzjoni fi proċedura ta' koordinazzjoni. Jekk maġġoranza sempliċi tal-membri votanti ma jaqblux mal-proposta tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għal deċiżjoni konġunta, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-ESMA. L-ESMA tista' wkoll, fuq talba ta' awtorità ta' riżoluzzjoni, tgħin lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jilħaq deċiżjoni konġunta.

Meta tittieħed deċiżjoni konġunta u kwalunkwe awtorità ta' riżoluzzjoni jew ministeru kompetenti jqisu, li s-suġġett tan-nuqqas ta' qbil jinterferixxi mar-responsabbiltajiet fiskali tal-Istat Membru tagħhom, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tibda rivalutazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni, b'koordinazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, ser tivvaluta kemm CCP hija riżolvibbli. CCP għandha titqies bħala riżolvibbli meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis li huwa fattibbli u kredibbli li tillikwidaha skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew li tirriżolviha bl-użu tal-għodod ta' riżoluzzjoni u teżerċita s-setgħat ta' riżoluzzjoni filwaqt li tiżgura l-kontinwità tal-funzjonijiet kruċjali tas-CCP u tevita kwalunkwe użu ta' għajjuna finanzjarja pubblika straordinarja u tevita, kemm jista' jkun, kwalunkwe effett negattiv sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja u l-potenzjal ta' żvantaġġ mhux xieraq lil partijiet ikkonċernati affettwati. L-awtorità ta' riżoluzzjoni f'koordinazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandha tagħmel il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà fl-istess ħin li tfassal u taġġorna l-pjan ta' riżoluzzjoni. Ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri biex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, kif ukoll proċedura ta' koordinazzjoni speċifika mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni biex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, bil-ħsieb li tintlaħaq deċiżjoni konġunta. Jekk maġġoranza sempliċi tal-membri votanti ma jaqblux mal-proposta tal-awtorità ta' riżoluzzjoni għal deċiżjoni konġunta, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-ESMA. L-ESMA tista' wkoll, fuq talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, tgħin lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jilħaq deċiżjoni konġunta.

(d) Intervent bikri

Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu f'pożizzjoni li jirrimedjaw id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' CCP qabel ma dik is-CCP tilħaq punt fejn l-awtoritajiet ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jirriżolvuha jew, fejn il-miżuri ta' rkupru jistgħu jkunu ta' detriment għall-istabbiltà finanzjarja ġenerali, jiggwidaw lis-CCP biex tbiddel dawk il-miżuri ta' rkupru. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' intervent bikri sabiex jevitaw jew jimminimizzaw l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja jew fuq l-interessi ta' diversi partijiet ikkonċernati li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri mis-CCP. Jenħtieġ li s-setgħat ta' intervent bikri jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti minbarra s-setgħat tagħhom previsti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri jew skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Is-setgħat ta' intervent bikri jenħtiegħ jinkludu s-setgħa li jillimitaw jew jipprojbixxu kwalunkwe remunerazzjoni ta' ekwità u strumenti trattati bħala ekwità, inklużi pagamenti ta' dividendi u xiri lura mis-CCP, kemm jista' jkun possibbli mingħajr ma jiġi skattat każ ta' inadempjenza. Is-setgħat ta' intervent bikri għandhom jinkludu wkoll is-setgħa li jillimitaw, jipprojbixxu jew jiffriżaw kwalunkwe pagament ta' remunerazzjoni varjabbli kif definit mill-politika ta' remunerazzjoni tas-CCP, il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew il-pakketti ta' terminazzjoni lill-maniġment superjuri. Fil-qafas ta' setgħat ta' intervent bikri, u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti fil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tenħtiegħ tkun tista' taħtar amministratur temporanju, biex jissostitwixxi jew biex jaħdem b'mod temporanju mal-bord u mal-maniġment superjuri tas-CCP.

Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll arranġamenti speċifiċi fis-seħħ biex jingħata kumpens lill-membri tal-ikklijer jekk CCP fl-irkupru kkawżat minn event mhux inadempjenti tapplika arranġamenti u miżuri biex jitnaqqas il-valur ta' kwalunkwe gwadann pagabbli mis-CCP lil membri tal-ikklijer mhux inadempjenti stabbiliti fil-pjan ta' rkupru tagħha, u minħabba f'hekk ma tidħolx f'riżoluzzjoni. F'dan il-każ speċifiku, l-awtorità kompetenti tas-CCP tista' titlob lis-CCP tħallas lura lill-membri tal-ikklijer għat-telf tagħhom permezz ta' pagamenti fi flus kontanti jew, fejn xieraq, tista' titlob lis-CCP toħroġ strumenti li jirrikonoxxu pretensjoni fuq il-profitti futuri tas-CCP. Din il-possibbiltà li jingħata kumpens lil membri tal-ikklijer mhux inadempjenti ma tapplikax għal telf impenjat permezz ta' kuntratti fil-fażijiet ta' ġestjoni ta' inadempjenza jew ta' rkupru. Sabiex jipprovdi salvagwardja ekwivalenti għall-klijenti ta' tali membri tal-ikklijer, ir-Regolament jipprevedi li jekk il-membri tal-ikklijer mhux inadempjenti jkunu għaddew it-telf eċċessiv lill-klijenti tagħhom, huma għandhom ikunu obbligati jgħaddu l-pagamenti riċevuti mis-CCP lill-klijenti tagħhom, sal-punt li t-telf li jkun qed jiġi rikompensat jirriżulta mill-pożizzjonijiet tal-klijenti.

(e) Riżoluzzjoni

Meta CCP tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni, ir-Regolament ser ipoġġi għad-dispożizzjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP sett armonizzat ta' għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni. Dawn jenħtieġ li jinkludu s-setgħa li l-istrumenti ta' sjieda, l-assi, id-drittijiet, l-obbligi jew l-obbligazzjonijiet ta' CCP li qed tfalli jiġu ttrasferiti lil entità oħra bħal CCP oħra jew CCP tranżitorja, is-setgħa li jiġu vvalutati b'mod negattiv jew ikkanċellati l-istrumenti ta' sjieda jew li jiġu vvalutati b'mod negattiv jew ikkonvertiti l-obbligazzjonijiet ta' CCP li qed tfalli, is-setgħa li jiġi vvalwat b'mod negattiv il-marġini ta' varjazzjoni (soġġett għal limitu massimu fil-każ ta' eventi mhux inadempjenti), is-setgħa li jiġi infurzat kwalunkwe obbligu pendenti ta' partijiet terzi fir-rigward tas-CCP (inkluż sejħiet għal flus għal irkupru) kif stabbilit fir-regoli operattivi tas-CCP, u allokkazzjonijiet tal-pożizzjonijiet, is-setgħa li jiġu eżerċitati sejħiet b'livell limitu għal flus kontanti għal riżoluzzjoni kemm għal eventi inadempjenti kif ukoll dawk mhux inadempjenti, is-setgħa li jiġi sostitwit il-maniġment u s-setgħa li jiġi impost moratorju temporanju fuq il-ħlas ta' pretensjonijiet. L-użu tal-għodod tar-riżoluzzjoni għandu jkun soġġett għal kondizzjonijiet, objettivi, u prinċipji ġenerali komuni kif stabbilit fir-Regolament. Is-CCP u l-membri tal-bord u l-maniġment superjuri tagħha għandhom jibqgħu responsabbli, soġġett għal-liġi nazzjonali ċivili jew kriminali, għall-falliment tas-CCP.

Meta tiegħu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiegħu inkonsiderazzjoni u ssegwi l-miżuri previsti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mfassla fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, sakemm l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma tqisx li l-objettivi ta' riżoluzzjoni ser jintlaħqu b'mod aktar effettiv billi jittieħdu azzjonijiet li mhumiex previsti fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiegħu kont tal-prinċipji ġenerali tat-teħid ta' deċizzjonijiet, inkluż il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-interessi ta' partijiet ikkonċernati differenti tas-CCP u li tiġi żgurata trasparenza fil-konfront tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-involviment tagħhom fejn id-deċiżjoni jew l-azzjoni proposta jista' jkollha implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja jew ir-riżorsi fiskali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tinnotifika lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar l-azzjonijiet ippanati ta' riżoluzzjoni, filwaqt li tindika wkoll jekk dawn l-azzjonijiet jiddevjawx mill-pjan ta' riżoluzzjoni.

L-objettivi primarji tar-risoluzzjoni jenħtieġ ikunu li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tas-CCP, li tiġi żgurata l-kontinwità tar-rabtiet ma' FMIs oħra, li jiġu evitati effetti negattivi sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, u li jiġu protetti l-fondi pubbliċi. Jenħtieġ li jinżammu l-funzjonijiet kruċjali ta' CCP li tkun qed tfalli, għalkemm ristrutturati fejn xieraq b'bidliet fil-maniġment, permezz tal-użu ta' għodod ta' risoluzzjoni u, sal-aktar punt possibbli, bl-użu ta' fondi privati u mingħajr dipendenza fuq għajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja.

Jenħtieġ li l-azzjonisti, il-membri tal-ikklijerjar u kredituri oħrajn tas-CCP li jkunu affettwati ma jġarrbux telf akbar minn dak li kienu jġarrbu li kieku l-awtorità ta' risoluzzjoni ma ħaditx azzjoni ta' risoluzzjoni fir-rigward tas-CCP u minflok kienu jkunu soġġetti għall-obbligi pendenti applikabbli kollha skont ir-regoli dwar l-inadempjenza tas-CCP (jew arranġamenti kuntrattwali oħrajn fir-regoli operattivi tagħha) u s-CCP ġiet stralċjata fi proċedimenti normali ta' insolvenza (il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar). Għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi ċari fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tas-CCP kif ukoll il-valwazzjoni tat-trattament li kienu jirċievu l-azzjonisti, il-membri tal-ikklijerjar u kredituri oħra li kieku l-awtorità ta' risoluzzjoni ma ħaditx azzjoni ta' risoluzzjoni. Ir-Regolament jirrikonoxxi li azzjonijiet ta' rkupru u risoluzzjoni jistgħu jaffettwaw ukoll indirettament lill-klijenti u lill-klijenti indiretti li ma jkunux kredituri tas-CCP, sa fejn l-ispejjeż ta' rkupru u risoluzzjoni jkunu għaddew għand dawk il-klijenti u klijenti indiretti skont l-arranġamenti kuntrattwali applikabbli. L-impatt ta' xenarju ta' rkupru u risoluzzjoni tas-CCP fuq il-klijenti u l-klijenti indiretti għandu għalhekk jiġi indirizzat permezz tal-istess arranġamenti kuntrattwali. Ir-Regolament jispeċifika li jekk l-arranġamenti kuntrattwali jippermettu li l-membri tal-ikklijerjar jgħaddu lill-klijenti tagħhom il-konsegwenzi negattivi tal-għodod ta' risoluzzjoni, dawk l-arranġamenti kuntrattwali għandhom jinkludu wkoll, fuq bażi ekwivalenti u proporzjonata, id-dritt tal-klijenti għal kwalunkwe kumpens li l-membri tal-ikklijerjar jirċievu mis-CCP wara pretensjoni li l-ebda kreditur ma jmur agħar, sakemm id-dritt għat-tali kumpens jirriżulta minn pożizzjonijiet tal-klijenti. It-tali dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għall-arranġamenti kuntrattwali minn klijenti u klijenti indiretti li joffru servizzi tal-ikklijerjar indirett lill-klijenti tagħhom.

Malli s-CCP tidħol friżoluzzjoni, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tinforza kwalunkwe obbligu kuntrattwali pendenti stabbilit fir-regoli operattivi tas-CCP, inklużi miżuri ta' rkupru pendenti, għajr fejn l-eżerċitar ta' setgħa jew għodda ta' riżoluzzjoni oħra timmitiga aħjar l-effetti negattivi għall-istabbiltà finanzjarja jew jitħarsu l-funzjonijiet kruċjali tas-CCP fil-ħin. Fejn daww l-istrumenti ma jkunux biżżejjed, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikollhom is-setgħa li jwettqu valwazzjoni negattiva ta' dejn u obligazzjonijiet mhux garantiti, f'konformità mal-klassifikazzjoni tagħhom skont il-liġi nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-insolvenza, u jużaw l-għodod ta' allokkazzjoni tat-telf, sa fejn neċessarju mingħajr ma jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja ġenerali. Jenħtieġ li l-għodod disponibbli ta' rkupru u l-għodod pendenti ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-għodda ta' valwazzjoni negattiva, jintużaw bl-aktar mod sħiħ possibbli qabel jew flimkien ma' kull injezzjoni ta' kapital mis-settur pubbliku jew għajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja ekwivalenti lis-CCP. L-użu ta' għajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja biex jgħin fir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet li jkunu qegħdin ifallu jrid ikun bħala l-aħħar rimedju, limitat fiż-żmien u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-għajjnuna mill-Istat.

L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jiżguraw ukoll li l-ispejjeż tar-riżoluzzjoni tas-CCP jinżammu kemm jista' jkun baxxi u li l-kredituri tal-istess klassi jiġu ttrattati b'mod ekwu. Jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun tista' tiegħu azzjoni ta' riżoluzzjoni li tiddevja mill-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kredituri jekk din tkun ġustifikata fl-interess pubbliku biex jinkisbu l-oġettivi tar-riżoluzzjoni u tkun proporzjonata għar-riskju indirizzat. Jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni tuża t-tali miżura jenħtieġ li din ma tiddiskriminax kontra xi ħadd abbażi tan-nazzjonalità.

Meta l-għodod ta' riżoluzzjoni jkunu ntużaw sabiex jiġu ttrasferiti l-funzjonijiet kritiċi jew in-negozju vijabbli ta' CCP lil entità soda bħall akkwirent mis-settur privat jew CCP tranżitorja, il-parti residwa tas-CCP għandha tiġi likwidata f'qafas ta' żmien xieraq wara li tkun ġiet ikkunsidrata kwalunkwe ħtieġ għas-CCP li qed tfalli li tipprovdi servizzi jew appoġġ sabiex l-akkwirent jew is-CCP tranżitorja jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet jew jipprovdu s-servizzi akkwistati permezz ta' dak it-trasferiment. L-għodda għall-bejgħ ta' negozju għandha tippermetti lill-awtoritajiet ibiġħu s-CCP jew partijiet min-negozju tas-CCP lil akkwirent wieħed jew aktar mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti. Meta tiġi applikata l-għodda tal-bejgħ ta' negozju, l-awtoritajiet għandhom jagħmlu arranġamenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dik is-CCP jew parti min-negozju tagħha fi proċess miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jimmiraw li jimmassimizzaw il-prezz tal-bejgħ kemm jista' jkun. Minn kwalunkwe rikavat nett mit-trasferiment ta' assi jew obligazzjonijiet tas-CCP taħt riżoluzzjoni meta tiġi applikata l-għodda għall-bejgħ tan-negozju għandha tibbenifika l-entità li titħalla fil-proċedimenti tal-istralċ.

Il-qafas ta' rizzoluzzjoni għandu jinkludi rekwiżiti proċedurali sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet ta' rizzoluzzjoni jiġu nnotifikati kif suppost u jsiru pubbliċi. Madankollu, minħabba li l-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tar-rizzoluzzjoni u mill-konsulenti professjonali tagħhom matul il-proċess tar-rizzoluzzjoni x'aktarx tkun sensittiva, qabel ma d-deċiżjoni tar-rizzoluzzjoni ssir pubblika, din l-informazzjoni għandha tiġi soġġetta għal reġim effettiv ta' kunfidenzjalità.

Miżuri ta' rizzoluzzjoni meħuda mill-awtoritajiet tar-rizzoluzzjoni nazzjonali jistgħu jirrikjedu valutazzjonijiet ekonomiċi u marġini kbir ta' diskrezzjoni. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi żgurat li l-evalwazzjonijiet ekonomiċi magħmula mill-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni nazzjonali jintużaw bħala bażi mill-qrati nazzjonali meta jirrevedu dawk il-miżuri, filwaqt li l-qrati nazzjonali ma jinżammux milli jeżaminaw jekk l-evidenza użata mill-awtorità ta' rizzoluzzjoni hijiex fattwalment preċiża, affidabbli u konsistenti, jekk dik l-evidenza fihix informazzjoni rilevanti li jenħtieġ li titqies sabiex tiġi vvalutata sitwazzjoni kumplessa u jekk hijiex kapaċi tissostanzja l-konklużjonijiet misluta minnha. Barra minn hekk, meta wieħed iqis li s-sospensjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni tista' timpedixxi l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, jeħtieġ li jiġi stabbilit li t-tressiq ta' kwalunkwe appell ma għandux jirriżulta f'sospensjoni awtomatika tal-effetti tad-deċiżjoni kkontestata u li d-deċiżjoni tal-awtorità ta' rizzoluzzjoni għandha tkun infurzabbli immedjatament. Sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' ġurisdizzjoni, huwa wkoll fl-interess ta' rizzoluzzjoni effiċjenti jenħtieġ li ma jinfetaħ jew jitkompla l-ebda proċediment normali ta' insolvenza għas-CCP li tkun qed tfalli waqt li l-awtorità ta' rizzoluzzjoni tkun qed teżerċita s-setgħat ta' rizzoluzzjoni tagħha jew tuża l-għodod ta' rizzoluzzjoni, ħliet fuq l-inizjattiva jew bil-kunsens tal-awtorità ta' rizzoluzzjoni.

(f) Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

Is-CCPs tal-Unjoni Ewropea jipprovdu servizzi lil membri tal-ikklijerjar u lil kliġenti tagħhom li jinsabu f'pajjiżi terzi u s-CCPs ta' pajjiżi terzi jipprovdu servizzi lil membri tal-ikklijerjar u lil kliġenti tagħhom li jinsabu fl-Unjoni Ewropea. Ir-rizzoluzzjoni effettiva tas-CCPs attivi internazzjonalment teħtieġ kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-ESMA tipprovdi gwida dwar il-kontenut tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni li għandhom jiġu konklużi ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jiżguraw ippjanar effettiv, teħid ta' deċiżjonijiet u koordinazzjoni fir-rigward ta' CCPs attivi internazzjonalment. Fiċ-ċirkostanzi previsti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni nazzjonali jinħtiġilhom jirrikonoxxu u jinfurzew il-proċedimenti ta' rizzoluzzjoni ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni sseħħ ukoll fir-rigward tas-sussidjarji tas-CCPs tal-Unjoni jew ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-ikklijar tagħhom u l-klijenti tagħhom.

(g) Miżuri amministrattivi u penali

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-penali amministrattivi fl-Istati Membri kollha għall-ksur tar-Regolament, ir-Regolament jipprevedi lista ta' penali amministrattivi ewlenin u miżuri amministrattivi oħra li jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet tar-rizzoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti, għas-setgħa li jimponu dawk il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra fuq il-persuni kollha, kemm jekk ġuridiċi jew inkella fiżiċi, responsabbli għal ksur, għal lista ta' kriterji ewlenin meta jiġu determinati l-livell u t-tip ta' dawk il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra u għal livelli ta' penali pekunjarji amministrattivi. Jenħtieġ li l-penali amministrattivi u l-miżuri amministrattivi l-oħra jqisu fatturi bħal kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat li jirriżulta mill-ksur, mill-gravità u mit-tul tal-ksur, kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti, u l-ħtieġa li l-multi amministrattivi jkollhom effett ta' deterrent. Fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu skont għall-kooperazzjoni mal-awtorità ta' rizzoluzzjoni jew l-awtorità kompetenti.

(h) Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ġie emendat biex jinkludi l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni tas-CCPs fid-definizzjoni ta' "awtoritajiet kompetenti", u biex jippermetti li membru tal-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jkun akkumpanjat minn rappreżentant mill-awtorità ta' rizzoluzzjoni tal-Istat Membru tagħhom, fejn xieraq.

(i) Emenda għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament (UE) Nru 2015/2365

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ġie emendat biex jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tissospendi l-obbligu tal-ikklijar wara talba mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' CCP taħt riżoluzzjoni jew l-awtorità kompetenti tagħha, fuq l-inizjattiva ta' dawn l-awtoritajiet jew fuq talba tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' membru tal-ikklijar tas-CCP taħt riżoluzzjoni, u wara opinjoni mhux vinkolanti mill-ESMA. Id-Deċiżjoni li jiġi sospiż l-obbligu tal-ikklijar għandha tiġi adottata biss jekk tkun meħtieġa biex tippreserva l-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja fis-suq. Is-sospensjoni għandha tkun ta' natura temporanja iżda li tista' tiġi estiża. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax tal-Bord ta' Stabbiltà Finanzjarja, kien meħtieġ ukoll li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex tiġi pprovduta ċarezza lill-parteciċipanti tas-suq li t-tranżazzjonijiet li jsiru jew li jiġu innovati qabel ma jibdeu japplikaw ir-rekwiżiti tal-ikklijar jew tal-marġini għal tranżazzjonijiet ta' derivati OTC li jagħmlu referenza għall-parametru referenzjarju ta' rata tal-imgħax ("tranżazzjonijiet miruta") mhux ser ikunu soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti meta jiġu innovati għall-iskop uniku ta' implimentazzjoni jew tħejjija għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-imgħax.

Il-punt (b) tal-Artikolu 24a(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ġie emendat biex jiġi żgurat li, fejn possibbli, il-valutazzjonijiet madwar l-Unjoni Ewropea kollha tar-reżiljenza tas-CCPs għal żviluppi avversi tas-suq iqisu l-effett aggregat tal-arranġamenti għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCP fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, ir-rwol tal-kumitat tar-riskju tas-CCP, kif stabbilit fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, issaħħaħ sabiex is-CCP tkompli tiġi mħeġġa tiġġestixxi r-riskji tagħha b'mod prudenti u ttejjeb ir-reżiljenza tagħha. Saru wkoll emendi ulterjuri biex jiġi żgurat li s-CCPs jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jekk ikun hemm żvilupp negattiv sinifikanti fil-profil tar-riskju ta' kwalunkwe membru tal-ikklijar tas-CCP, u biex tiżdied it-trasparenza bejn il-membri tal-ikklijar tas-CCP u l-klijenti tagħhom fir-rigward ta' telf potenzjali jew kostijiet oħra li jistgħu jġarrbu bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' ġestjoni tal-inadempjenza u l-arranġamenti għall-allokazzjoni tat-telf u tal-pożizzjonijiet skont ir-regoli operattivi tas-CCP.

Biex jissaħħu aktar l-inċentivi għal ġestjoni prudenti tar-riskju, fil-każ ta' nuqqas sinifikanti ta' inadempjenza, l-awtorità kompetenti għandha tkun tista' titlob lis-CCP biex toqgħod lura milli tagħmel distribuzzjonijiet ta' dividendi, billi tixtri lura ishma ordinarji, jew billi toħloq obbligu li tħallas remunerazzjoni varjabbli, benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew pakketti ta' tmiem tal-impjeg lill-maniġment superjuri.

Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni tas-CCPs għandu jkollhom ukoll aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa fir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill qed jiġu emendati wkoll kif xieraq.

(j) Emendi għad-Direttiva 2002/47/KE, id-Direttiva 2017/1132, id-Direttiva 2004/25/KE, id-Direttiva 2007/36/KE, id-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014

Sabiex ir-risoluzzjoni ta' CCPs tkun implimentata b' mod effettiv, jenħtieġ jiġi żgurat li s-salvagwardji previsti fid-Direttiva 2002/47/KE ma japplikaw għall-ebda restrizzjoni tal-infurzar ta' arranġament dwar kollateral finanzjarju, b'effett ta' arranġament dwar kollateral finanzjarju ta' garanzija, jew kwalunkwe dispożizzjoni ta' saldu abbażi tal-valur nett jew kumpens previst f'dan ir-Regolament.

Id-Direttivi 2017/1132, 2004/25/KE u 2007/36/KE fihom regoli dwar il-protezzjoni tal-azzjonisti u l-kredituri tas-CCPs li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi. F' sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet ta' risoluzzjoni jkunu meħtieġa jaġixxu b' mod rapidu skont dan ir-Regolament, dawk ir-regoli jistgħu jfixklu azzjoni ta' risoluzzjoni effettiva u l-użu ta' għodod u setgħat ta' risoluzzjoni mill-awtoritajiet ta' risoluzzjoni. Għalhekk, id-derogi skont id-Direttiva 2014/59/UE qed jiġu estiżi wkoll għal atti meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tar-rekwiżiti, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill qed jiġu emendati biex jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom dawk l-entitajiet li huma wkoll awtorizzati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(k) Emenda għar-Regolament (UE) Nru 600/2014

L-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ippreveda perijodu tranżitorju li matulu l-Artikolu 35 jew 36 ta' dak ir-Regolament ma jkunx japplika għal dawk is-CCPs jew iċ-ċentri tan-negozjar li applikaw mal-awtorità kompetenti tagħhom biex jibbenefikaw mill-arranġamenti tranżitorji fir-rigward tad-derivattivi nnegozjati fil-borża. Il-perijodu tranżitorju li matulu ċentru tan-negozjar jew CCP jista' jiġi eżentat mill-awtorità kompetenti nazzjonali tagħhom skada fit-3 ta' Lulju 2020. Bħala konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19, ir-Regolament jipposponi b'sena d-data ta' applikazzjoni tar-reġim il-ġdid ta' aċċess miftuħ għaċ-ċentri tan-negozjar u tas-CCPs li joffru servizzi tan-negozjar u tal-ikklijar fir-rigward ta' derivattivi nnegozjati fil-borża, sat-3 ta' Lulju 2021.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta pakkett bilanċjat u li, jekk il-pożizzjoni tiegħu tiġi approvata mill-Parlament Ewropew, ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs ser jiżgura li kemm is-CCPs kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali fl-UE ser ikollhom il-mezzi biex jaġixxu b'mod deċiżiv f'każijiet fejn CCP tiffaċċa diffikultà jew falliment serju, u li ser jikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.